MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Gunju, 2013

Numru. 554/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**LOIC PASQUIER**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **LOIC PASQUIER** ta' bin Dominique u Ghislaine nee' Caille, imwieled Fribourg gewwa Franza nhar l-4 ta' Ottubru 1992, residenti gewwa room 142, Patricia Residence, Guze Howard, Sliema u detentur tal-Passaport Franciz bin-numru X4556407 gie mressaq quddiemha u akkuzat talli

1. f'xi hin bejn id-9:00hrs tat-3 ta' Gunju 2013 u nofsinhar tal-4 ta' Gunju 2013, gewwa Triq Guze Howard, Sliema, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli ta' Xavier Darmanin, detentur tal-karta tal-

identita' bin-numru 142656M u cioe' vettura ta-ghamla Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni IBF857, liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 izda anqas minn €1164.67.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' kopja legali tal-passaport Svizzeru tal-imputat, dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-assistenza legali u okkorrenza.

Rat illi gie nominat l-Interpretu Dr Anthony Licari sabiex jassisti lill-imputat bit-traduzzjoni mil-lingwa Maltija ghal-lingwa Franciza u vici versa stante li l-imputat ma jifhimx la bil-lingwa Maltija u lanqas dik Ingliza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu nhar is-sebgha (7) ta' Gunju 2013 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu tal-Ghajnuna Legali Dr Renzo Porsella Flores, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lid-difiza tiddikjara li Xavier Darmanin gja' thallas ghad-danni subiti minnu u dan fl-ammont ta' ftit inqas minn seba' mitt Ewro (€700).

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-istess Darmanin kien sodisfatt bil-hlas li rcieva u tiddikjara li m'ghandux pretensjonijiet ulterjuri kontra l-imputat.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 325, 338 (bb) (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li issib lill-imputat LOIC PASQUIER hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddeciedi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor ghal zmien tliet (3) snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini ta' l-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------